## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 289/2023 MS*

**Bezzina Ship Repair Yard Limited**

**Vs.**

**L-Avukat Dottor Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat maħtura b’dikriet tat-2 t’Ottubru 2023 bħala kuratur deputati sabiex jirrappreżentaw lill-Bastiment M/V Turu bin-numru uffiċjali IMO 8408777 u Call Sign HP4694**

Illum, 11 ta’ Novembru, 2024

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fis-17 ta’ Marzu 2023 li permezz tiegħu, wara li ppremettiet hekk:

Fis-sena 2021 is-socjeta rikorrenti kienet giet ikkuntrattata sabiex tipprovdi servizzi ta' management u irmigg (berthing) lill-bastiment intimat gewwa l-facilita' tal-vapuri operata mill- istess socjeta.

Il-bastiment intimat baqa rmiggjat fil-facilita' tas-socjeta rikorrenti izda mil-21 ta' Settembru tas-sena 2021 il-bastiment ma baqax jaffetwa l-pagamenti kif miftiehem (vide ir-rendikont u l-invoices hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok GS1').

Addizzjonalment, peress illi l-bastiment ghadu rmiggjat fil-facilita' sa llum il-gurnata, is-socjeta rikorrenti ghalhekk ghadha sal-lum tinkorri spejjez ghall-preservazzjoni tal-bastiment, inkluz servizzi ta' dawl u ilma.

Di piu, is-socjeta rikorrenti ma tistax tuza l-ispazju tal-irmigg ghal klijenti ohra taghha li qed jikkawzalhom telf ta' profitt.

Minkejja diversi talbiet ghall-hlas, sal-lum il-hlas baqa ma sarx

Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti ma kellha l-ebda ghazla hlief li tistitwixxi dawn il-proceduri

għaddiet biex titlob lill-Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa responsabbli ghall-hlas tal-ispejjez konsistenti f'management and berthing fees sa mill-21 ta' Settembru tas-sena 2021 u li ghaldaqstant il-bastiment hu Debitur tas-socjeta' Bezzina Ship Repair Yard Limited (C 8570) sa mill-21 ta' Settembru tas-sena 2021;

ii. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' tlieta u disghin elf u erbgha mitt Ewro (€93,400) ghal management and berthing fees;

iii. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa responsabbli ghall-hlas ulterjuri ta' servizzi relatati ghall-preservazzjoni tal-bastiment bhal izda mhux limitat ghad-dawl u l-ilma sa mill-21 ta' Settembru tas-sena 2021;

iv. Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ghall-hlas ta' l-ispejjez ulterjuri sa mill-21 ta' Settembru tas-sena 2021;

v. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

> vi. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa responsabbli ghal telf ta' profitti a kawza tal-fatt li l-bastiment ghadu rmiggjat fil-facilita' tas-socjeta rikorrenti.
>
> vii. Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ghal telf ta' profitti;
>
> viii. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma hekk likwidata;
>
> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar ipprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-bastiment intimat.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fl-20 t'Ottubru 2023[1] mill-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat f'isem il-bastiment konvenut, kif maħtura b'dikriet tat-2 t'Ottubru 2023, li biha wieġbu hekk:

> Illi l-esponenti għadhom ma humiex edotti mill-fatti;
>
> Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxilhom ikunu edotti mill-fatti.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat li l-attriċi rrimettiet ruħha għall-provi fl-atti, filwaqt li ma saret ebda nota ta' sottomissjonijiet fl-interess tal-bastiment konvenut, għad li ngħata terminu għal dan l-iskop[2];

5. Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

[1] Fol.48.
[2] Fol.63.

6. Illi din hija kawża magħmula mill-attriċi kontra l-bastiment konvenut sabiex tiġi kanonizzata kreditriċi tiegħu għal ammonti dovuti lilha għal servizzi ta' rmiġġ u ta' amministrazzjoni u għal spejjeż inkorsi minnha b'rabta mal-preservazzjoni tal-bastiment, kif ukoll għar-riżarċiment ta' danni li hija tgħid li ġarrbet tort tal-istess bastiment.

7. Mid-dokumenti mehmuża mar-rikors ġuramentat tal-attriċi[3], jirriżulta li hija qed tippretendi mingħand il-bastiment konvenut l-ammont kumplessiv ta' tlieta u disgħin elf u erba' mitt Ewro (€93,400) bħala «*berthing fee*» għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Diċembru 2022. Jirriżulta li l-bastiment kien ilu rmiġġjat għand l-attriċi sa minn qabel il-21 ta' Settembru 2021, però minn dik id-data, l-aġent li kien qed jirrappreżenta lill-bastiment konvenut għarraf lill-attriċi[4] li r-rappreżentanza tiegħu kienet se tieqaf[5]. B'danakollu l-bastiment konvenut baqa' rmiġġjat fejn kien, iżda l-ħlas tal-irmiġġ waqaf għal kollox. L-attriċi tgħid li hija ma kellha ebda kuntatt dirett mas-sidien tal-bastiment konvenut peress li dejjem innegozjat u tkellmet mal-aġent. Intqal ukoll li l-aġent stess għad għandu jħallas arretrati tal-irmiġġ lill-attriċi għaż-żmien li matulu kien għadu jirrappreżenta lill-bastiment konvenut[6].

8. Minħabba f'hekk l-attriċi pproċediet b'din il-kawża kontra l-bastiment konvenut kif ukoll bil-mandat t'arrest ta' bċejjeċ tal-baħar bin-numru 463/2023, li ġie maħruġ fis-17 ta' Marzu 2023[7]. Mill-atti ta' dan il-mandat jirriżulta li l-istess bastiment huwa wkoll soġġett għal mandat t'arrest ieħor, kif ukoll li fil-mument tal-eżekuzzjoni tal-mandat, ma kien hemm ebda membru tal-ekwipaġġ abbord.

9. It-talbiet tal-attriċi f'din il-kawża jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tirrigwarda l-kreditu pretiż mill-attriċi għal *berthing fees* għall-perijodu li jibda mill-21 ta' Settembru 2021 u jieqaf fil-31 ta' Diċembru 2022, u liema kreditu jammonta kumplessivament għal €93,400. It-tieni kategorija tirrigwarda kreditu ieħor pretiż mill-attriċi għal spejjeż oħra relatati mal-preservazzjoni tal-bastiment, inkluż iżda mhux limitatament dwar il-provvista tal-elettriku u tal-ilma. It-tielet kategorija ta'

---

[3] Fol.6-21.
[4] Fol.31.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Ranier Bezzina, a fol.30.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Ranier Bezzina, a fol.30, u d-dokument a fol.32.
[7] Fol.54.

talbiet jirrigwardaw pretensjoni għar-riżarċiment ta' danni konsistenti minn telf ta' profitt b'konsegwenza tal-fatt li l-bastiment tħalla rmiġġjat fil-proprjetà tal-attriċi.

10. Dwar dawn it-talbiet kollha, l-attriċi ma ressqet ebda prova dwar it-tieni u t-tielet kategoriji fuq imsemmija. Il-Qorti għalhekk se tkun qed tiċħad dawn it-talbiet.

11. Min-naħa l-oħra nġiebu provi suffiċjenti sabiex il-Qorti tikkonkludi li l-attriċi tassew għandha kreditu ta' €93,400. Jonqos biss li jiġi determinat jekk dan il-kreditu huwiex eżiġibbli kontra l-bastiment.

12. Għalkemm ma tressqet ebda eċċezzjoni jew sottomissjoni mill-konvenuti f'dan is-sens, huwa doveruż għall-Qorti li teżamina f'kull kawża li l-attur tassew ikun munit bid-dritt pretiż minnu. Fi kliem ieħor, f'kull kawża, anki f'dawk fejn il-konvenut ma jressaqx eċċezzjonijiet, l-attur irid juri li huwa għandu l-jedd li qed jippretendi kontra l-konvenut. Kif sewwa ġie deċiż *in re* ***Paul Sammut et vs. Dr Simon Micallef Stafrace et noe*** (Appell Superjuri, 9/5/2024): «*... biex l-attur jirbaħ il-kawża, huwa jrid mhux biss jegħleb l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iżda jrid juri wkoll li huwa għandu jedd li jressaq l-azzjoni magħżula minnu, għaliex jekk le, il-Qorti, ukoll jekk il-konvenuti ma jressqux eċċezzjonijiet, u anzi jibqgħu kontumaċi, ikollha tiċħad it-talbiet tiegħu (ara Kevin Attard v. Philip Cardona et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023)*».

13. Huwa magħruf li l-azzjoni kontra bastiment hija dik magħrufa bħala *actio in rem*, li ilha magħrufa u eżerċitata fis-sistema legali tagħna minn qabel l-introduzzjoni tal-artikoli 742B, 742Ċ u 742D fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz tal-Att XIV tal-2006 (ara, per eżempju, ***Avukat Dr Kevin F. Dingli noe vs. Kaptan Sebastiano Pizzimenti noe*** (Prim'Awla, 11/7/2001); ***Valfracht Roro Line Limited vs. Dr Louis Cassar Pullicino noe*** (Prim'Awla, 10/4/2003), u ***Dr Max Ganado noe vs. Kaptan Sebastiano Pizzimenti noe*** (Appell Superjuri, 30/11/2007)). Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Dieter Achtelstetter vs. M/V Gran Michelangelo*** (Appell Superjuri, 24/11/2017): «*Illi bil-promulgazzjoni tal-Att XIV tal-2006 ġew introdotti dawk il-kodici l-Artikoli 742B, 742C u 742D dwar il-ġurisdizzjoni in rem tal-Qrati tagħna u dwar l-azzjoni in rem. L-Artikolu 742B jispeċifika l-istanzi fejn il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi…*».

14. L-artikolu 742B jipprovdi hekk:

> Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament tiddisponi xort'oħra, il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin:
>
> …
>
> (ċ) kull pretensjoni rigward ipoteka navali, ipoteka jew piż fuq vapur jew fuq xi sehem fih;
>
> …

15. U skont l-artikolu 742Ċ: «*Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(a) sa (ċ), l-azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra l-vapur li dwaru titqajjem il-pretensjoni jew il-kwistjoni*».

16. L-artikolu 50(g) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili[8] jipprovdi li huwa munit bi privileġġ speċjali il-kreditu konsistenti minn:

> l-ispejjeż magħmula għaż-żamma fi stat tajjeb tal-bastiment u tal-apparat tiegħu magħduda spejjeż ta' provisti u proviżjonijiet għall-ekwipaġġ tiegħu magħmula wara l-aħħar dħul tal-bastiment fil-port;

17. Fil-fehma tal-Qorti, kreditu prodott permezz tal-prestazzjoni ta' servizzi ta' rmiġġ lil bastiment jinkwadra ruħu taħt din id-dispożizzjoni billi l-irmiġġ li permezz tiegħu jiġi kustodit il-bastiment ċertament jirrientra fi spejjeż neċessarji sabiex il-bastiment jiġi ppreservat (ara, f'sens simili, ***Cassar Ship Repair Limited vs. M/V Northella***, Prim'Awla, 28/5/2003). La l-kreditu tal-attriċi għas-somma msemmija huwa munit bi privileġġ speċjali, jirrientra taħt l-artikolu 742B u għalhekk mhux biss din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni *in rem* kontra l-bastiment, imma l-bastiment huwa wkoll leġittimu kontradittur tat-talba attriċi.

18. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel tliet talbiet kif dedotti;

---

[8] Kapitolu 234 tal-liġijiet ta' Malta.

(ii) tiċħad it-talbiet rimanenti tal-attriċi għaliex mhux ippruvati;

(iii) tordna li l-bastiment konvenut ibati l-ispejjeż konnessi mal-ewwel tliet talbiet tal-attriċi, filwaqt li l-attriċi ġġorr l-ispejjeż konnessi mar-rimanenti talbiet tagħha li ġew respinti.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur